- *rikors revoka ta' sekwestru kawtelatorju*
- *il-kontro-talba trid taqa' rationae valoris fil-kompetenza tal-Qorti*

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Revoka 18 /2019 GM**

**Jason Azzopardi (K.I. 79391M)**

**vs**

**Marija Bartolo (K.I. 491894M)**

**Seduta tat-12 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti

Rat l-atti tar-rikors numru 2030/18 ta’ Marija Bartolo għall-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju għas-somma ta’ €15,000 għal kumpens t’okkupazzjoni minn Jason Azzopardi ta’ immobbli propjeta` tagħha mertu ta’ kontro-talba tagħha fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1122/2019 pendenti quddiem din il-Qorti kif ippreseduta;

Rat ir-rikors forsi eċċessivament elaborat ta’ Jason Azzopardi li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab ir-revoka tal-mandat li laqa’ l-imsemmija talba ta’ Marija Bartolo;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fost ir-raġunijiet li ressaq in sostenn tat-talba tiegħu, Jason Azzopardi jissottometti li pretensjoni fl-ammont ta’ €15,000 ma taqax taħt il-kompetenza ta’ din il-Qorti imma taħt dik tal-Qorti tal-Maġistrati. Huwa minnu li skont l-Art. 47(1) tal-kodiċi ritwali, il-Qorti tal-Maġistrati tisma’ l-pretensjonijiet kollha preċiżament sa dan l-ammont. Għalhekk, *rationae vaolis,* mandat in sostenn ta’ pretenzjoni ta’ dan l-ammont ma jaqax taħt il-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Illi lanqas tista’ tiġi radikata l-kompetenza ta’ din il-Qorti minħabba li l-

ammont kawtelat,  huwa mertu ta' kontro-talba, u mhux ta' talba prinċipali, billi:

(i) ir-rikonvenzjoni tipproroga l-ġurisdizzjoni iżda mhux il-kompetenza:

Għalkemm hemm l-Artiklu 744 tal-kodiċi ritwali li jgħid li "Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu; f'dan il-każ, it-talba tal-konvenut, jekk tkun konnessa mat-talba tal-attur għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 396, tista' ssir quddiem kull qorti oħra kompetenti f'Malta" (enfazi mizjuda) għaliex dik id-disposizzjoni tirreferi għall-estenzjoni tal-ġurisdizzjoni u mhux tal-kompetenza. "***La riconvenzione proroga la giurisdizione ma non la competenza,*** *i cui canoni rimangano inalterati*".[1]

(ii)  it-talba ewlenija ma tiġbidx magħha l-kontro-talba meta din tal-aħħar ma tkunx ta' kompetenza tal-istess Qorti:

(iia) Kif jgħid l-Onor. Imħallef Paolo Debono: "*Che dal testo risulta chiaro il concetto del legislatore di volere che la domanda principale e la domanda riconvenzionale siano separatamente considerate in ordine alla competenza; di maniera che* ***il tribunale competente a prendere cognizione della prima, non tragga per cio' solo, a se' la seconda, quando questa per materia o per valore e' fuore dei suoi limiti***"[2].

[1] Qorti tal-Appell fil- L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April 1930 (Volum XXVII.i.886):
[2] Vol.XVI.iii.67 ċitata fis-sentenza ta' din il-qorti, Fenech vs Camilleri tal-1 ta' Dicembru 1964, Volum XLVIII.ii.1295 u tal-Qorti tal-Appell fl-istess kawża tal-15 ta' Marzu 1965 Volum XLIX.i.300, u mill-istess Qorti tal-Appell fil-kawża fuq hawn fuq ċitata

(iib) Fi kliem l-Onor. Imħallef Mark Chetchuti: "Għalkemm iz-zewg kawżi jinstemgħu flimkien u dan in omaġġ għat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-ġudizzju u dupplikar mhux neċessarju ta' proċeduri ġudizjarji, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi **fl-istitut tar-rikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħidhom f'eżistenza indipendenti w awtonoma.** Għalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taż-żewġ kawżi, b'daqshekk ma jfissirx u wieħed ma għandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha. Għalhekk jekk għal xi raġuni t-talba prinċipali taqa' għal kwalisiasi raġuni, il- kontrotalba li ma titlifx minn natura tagħha ta' kawża indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tgħix waħedha. F'dan il-każ hemm ostakolu insormontabbli għax il-inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris* tal-kontrotalba taħt l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 *qua* kawza awtonoma mhix waħda li tista' tiġi skartata la għall-ekonomija tal-ġudizzju u anqas għal nuqqas ta' dupplikar ta' proċedura"[3];

Il-ġurisprudenza suċċitata hija dik ikkwotata mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul in re: **Shana Sloane Borg v Kenneth Azzopardi[4].** Għalkemm is-sentenzi jirreferu għal kawżi, u mhux mandati, il-prinċipji *ivi* dedotti japplikaw għall-mandati kawtelatorji billi dawn jirreferu għad-dritt ikkawtelat iridu huma wkoll jiġu ppreżentati fil-Qorti kompetenti *rationae materiae* u *rationae valoris*;

Illi din il-Qorti trid tagħmilha ċara li għandha abborrenza kbira għal dan it-tip ta' nullita` iżda m'għandha l-ebda għażla għaliex hija ma tista' qatt

[3] Għeiti and Sons Limited vs Perit Colin Zammit 19.05.2011 Prim'Awla

[4] 12.12.2014 Prim'Awla

tassumi kompetenza li ma tagħtihiex il-liġi. B'danakollu tagħmilha ċara – anke jekk forsi lanqas hemm bżonn tagħmel hekk – li qiegħdha tippronunzja din l-irritwalita` limitatament għall-mandat kawtelatorju, u mhux ukoll għall-kontrotalba, li mhux bilfors tkun effettwata wkoll bl-istess tip ta' sanzjoni;

Illi minħabba l-premess, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis ukoll ir-raġunijiet l-oħrajn imressqa f'dan ir-rikors-revoka, għajr it-talba għall-impostazzjoni tal-penali, billi ma jissussistux ir-raġunijiet kontemplati mill-Art. 836(8) tal-kodiċi ritwali.

Għal dawn il-motivi, tilqa' t-talba għat-tħassar *contraio imperio* tal-mandat in kwistjoni filwaqt li tiċħad it-talba għall-ħlas ta' penali.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Onor Imħallef
Grazio Mercieca